

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000052/2012

Iill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Carlos Coelho, Simon Busuttil

f'isem il-Grupp PPE

Ioan Enciu, Henri Weber

f'isem il-Grupp S&D

Cornelia Ernst

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Franziska Keller, Tatjana Ždanoka

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Suġġett: Passaporti bijometriċi

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandardi għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometrika f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri ġie adottat, fl-2004, bħala pass importanti maħsub biex id-dokumenti tal-ivvjaġġar jagħmlhom aktar siguri u biex jistabbilixxi rabta aktar affidabbli bejn il-passaport u d-detentur ġenwin tiegħi, b'tali mod li tiżgura aktar protezzjoni kontra l-użu frodulenti.

Madankollu, is-sigurtà tal-passaporti ma tillimitax ruħha għall-passaport innifsu: il-proċess kollu huwa rilevanti, ibda mill-preżentazzjoni tad-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ ta' passaport, imbagħad il-ġbir tad-data bijometrika, u fl-aħħar l-iċċekkjar u t-tqabbil fil-punti ta' kontroll fuq il-fruntiera. Għalxejn ngħollu l-livell tas-sigurtà tal-passaporti jekk nibqgħu nħallu punti ta' dgħufija fħoloq oħra fil-katina.

Matul ir-reviżjoni sussegwenti, fl-2008, il-PE ġibed l-attenzjoni għall-fatt li ma kienx għad hemm ħafna esperienza fl-użu ta' dawn it-teknoloġiji l-ġodda, u li kien fadal wisq punti ta' tkhassib rigward:

- l-affidabbiltà u l-utilità tal-marki tas-swaba meħnuda mit-tfal u mix-xjuħ;
- il-livell ta' kunkfidenza fil-proċess tal-ġbir tad-data bijometrika;
- in-nuqqasijiet possibbli fis-sistemi ta' identifikazzjoni u r-rati ta' żball li hemm f'diversi Stati Membri;
- id-diverġenzi eżistenti rigward id-dokumenti li jeħtieġ li jiġu ppreżentati u l-mod kif dawn id-dokumenti jinħarġu (l-hekk imsejħha “dokumenti oriġinaturi”).

Għaldaqstant, iddaħħlet il-klawsola ta' reviżjoni ta' tliet snin, b'tali mod li jkunu jistgħu jsiru l-istudji meħtieġa (mitluba mill-PE f'kull wieħed minn dawn l-oqsma).

Il-Kummissjoni tista' tikkonferma jekk humiex digħà disponibbli l-istudji mitluba? Il-Kummissjoni qed tikkunsidra li terġa' tevalwa r-regoli, fid-dawl tal-problemi li jidher li hemm f'diversi Stati Membri? (Pereżempju, l-allegazzjonijiet li bejn 500 000 u 1 000 000 mis-6.5 miljun passaport bijometriku li hemm fl-idejji fi Franzia huma foloz, u nkisbu abbażi ta' dokumenti frōdulent; jew inkella t-test imwettaq mill-gvern lokali ta' Roermond (fil-Pajjiżi l-Baxxi) li kixef li, f'21% ta' 448 każ, il-marki tas-swaba li kienu ttieħdu ma setgħux jiġu vverifikati, u għalhekk ma kienu tal-ebda siwi).

Imressqa: 6.3.2012

Mgħoddija: 8.3.2012

L-iskadenza għat-tweġiba: 15.3.2012